**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-vs-**
**James Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identità Maltija nru. 737561M**

Illum, 13 ta' Mejju, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 681/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **James Camilleri** u ċioe talli:

> Nhar it-18 ta' Lulju 2021 għal ħabta tat- 15:00 ta' wara nofs in-nhar fi' Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar:
>
> Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Miodrag Simonovic f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi, bi ksur tal-**Artikoli 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**
>
> Ukoll talli volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-kodiċi kriminali bi ksur tal-**Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.**
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija Miodrag Simonovic u minn issa tapplika l-provedimenti tal-**Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali** u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil James Camilleri bħala reċidiv ai termini tal-**Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Mejju, 2024,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2024, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-12 ta' Marzu, 2024.

[1] Fol.148
[2] Fol.151

**IL-PROVI**

**PS55 Eman Cutajar** spjega kif fit-18 ta' Lulju, 2021[3], għall-ħabta ta' 2pm il-pulizija ġew informati li kien seħħ argument bejn żewġt irġiel fi Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar, u wieħed minnhom, l-imputat, instab mal-art. Xi għoxrin minuta wara waslu fuq il-post u sabu lill-imputat għadu fil-ġenb tat-triq. L-imputat stqarr mal-pulizija li hekk kif kien qed jistenna t-*tow truck* iġib vettura tiegħu, quddiem id-dar tiegħu kien hemm vettura bix-xufier fiha w talbu jressaqha sabiex ikun jista' jipparkja t-*tow truck* minflokha. Dak il-ħin ix-xufier ħareġ mill-vettura sabbat il-bieba u telaq l'hemm (bil-pass) iżda reġa' ġie u inbeda argument tant li dak ix-xufier, il-parte leża, taha daqqa ta' ponn lil Camilleri u spiċċaw jitmeku mal-art. Camilleri kellu dmija ma subgħajh. F'ħin minnhom intlemaħ raġel ġej bil-pass li Camilleri indikah bħala l-aggressur tiegħu, Miodrag Simonovic.[4]

Minn naħa l-oħra, Simonovic stqarr li meta kien ipparkjajt, Camilleri ħabbatlu mat-tieqa u talbu jċaqlaq il-vettura. Hu ħareġ u raha li kienet ipparkjata sewwa fis-sens li kienet f'kaxxa bajda, u rrifjuta li jċaqlaqa. Kompla li Camilleri beda jargumenta miegħu w tah daqqa ta' ponn ġo wiċċu. Aktar tard Camilleri ppreżenta ċertifikat mediku li kien sofra ġrieħi gravi tant li kellu parti minn subgħajh nieqsa. Simonovic ġie arrestat.[5]

Ix-xhud esebixxa il-**Current Incident Report**[6] minn fejn jirrizulta li Camilleri qal lis-Surġent li Simonovic gidimlu subagħ taċ-ċurkett meta kienu mal-art. Peress li Simonovic kien aktar żvelt mill-imputat irnexxielu jqum minn mal-art qablu, tah daqqa ta' ponn b'ritaljazzjoni, u mar lura lejn l-appartament tiegħu.[7]

**PC1229 Ian Buttigieg**[8] u **PC369 Christian Vella**[9] jikkonfermaw l-verżjoni tas-Surġent Cutajar u dak li hemm imniżżel fil-Current Incident Report. Jidher li kien biss l-imputat li kellu dmija u ġrieħi viżibbli.

**Miodrag Simonovic** xehed li jaħdem ma Supreme Travel bħala xufier ta' *taxi.* Kienu xi 3pm u kien fil-vettura jistenna li jitqabbad għal xi vjaġġ. Ra lil Camilleri faċċata bilqegħda u dan mar fuqu w beda jkellmu bil-Malti dwar xi *tow truck.* Ħareġ mill-vettura biex jara li kienet ipparkjata sew u rrifjuta li

[3] Fol.25
[4] Fol.21-22
[5] Fol.22-24
[6] **Dok.EC1** a fol.28 et seq
[7] Fol.30
[8] Fol.61-64
[9] Fol.69-72

jċaqlaqa. Camilleri qallu bl-Ingliż li jobroxilu w hu qallu li ser iċempel is-sid tal-vettura, ċertu Zaren; Zaren u Camilleri kienu jafu lil xulxin. Kompla kif l-imputat qal kliem faħxi li irrepeta viva voce kif ukoll baqa jgħajjat għal diversi drabi li hu *"fucking foreinger"*[10]Jgħid li Camilleri beda jidgħi bil-Malti.[11] Hu qallu biex jgħidlu f'wiċċu dak li kellu jgħidlu u mhux minn wara daru, u **l-imputat tah daqqa ta' ponn fuq)** in-naħa tal-lemin ta' wiċċu. Hu rritalja u fajjarlu daqqa ta' ponn oħra. Camilleri qabdu minn dahru, ***"he grab my back....and he grab to me for my back and somehow turnaround and we fell on me....fell on me I want to get up fast because he is bigger and i ws really scare....grab me from the leg and that moment I <u>just</u> kick him in the face with my leg. He was already on the ground .., but you know kick him stay on the ground I wont punch him again**, i see **blood on his nose face** I stop at that moment. <u>Towtruck came</u>, and I was scare you know maybe they have friends now... I forgot me sunglasses I just pick up bag and mobile and car key and go my home just few meteres from there"*.[12] Kif intebaħ li waslu l-pulizija biddel ħwejġu w niżel lura fit-triq fejn ġie arrestat.

Kompla kif kien qed jitlob sabiex imur il-Policlinic u meta fl-aħħar ħaduh f'dak tal-Mosta, it-tabib qallu li kien kollox sew u tah *painkillers* iżda hu għażel ma joħodhomx għaliex iraqduh. Indika lil Qorti li sofra ġrieħi fuq il-minkeb, ħuġbejh tal-lemin u n-naħa tal-lemin ta' sidru.[13] Wara li kien ittieħed il-*lock up,* kien reġa' muġugħ u l-Pulizija skortatu lejn il-Policlinic ta' Floriana u minn hemm ghal Mater Dei.[14] Minn hemm ġie ċertifikat li kellu ksur fl-għadma ta' taħt għajnejh.[15]

**Raphael Agius** xehed kif kien ċempillu l-imputat sabiex jittowjalu vettura. Kif wasal fuq il-post rah jistennih f'post vojt u hu baqa tiela ftit il-fuq sabiex ikun jista' jpoġġi l-vettura fuq li kienet fuq it-*tow truck*. Fid-daqqa u l-ħin ġie barrani u pparkja fil-post li Camilleri kien iżommlu:[16]

<u>Natura tal-Ġrieħi ta' Simonovic</u>

**Dr. Nicole Zerafa** kkonfermat iċ-ċertifikat mediku[17] maħruġ minnha u kif kienet irriferiet lil Simonovic għall-aktar investigazzjonijiet Mater Dei.[18] Taħt

---

[10] Fol.36
[11] Fol.32-36
[12] Fol.36-37
[13] Fol.38
[14] Fol.39
[15] Fol.40
[16] Fol.100-101
[17] **Dok.GS1** a fol.46
[18] Fol.76A-76B

għajnejh kellu ferita superfiċjali, "a cut".[19] **Dr. Sarah Bowman[20]** ikkonfermat it-*Ticket of Referral* maħruġ minnha.[21]

Id-*Discharge Note* turi li Simonovic sofra *"**fracture of the anterior wall of the right maxillary sinus".***[22] Iċ-ċertifikat[23] maħruġ mill-Policlinic ta' Floriana kien ikklassifika l-ġrieħi bħala *"slight save complications"*, iżda wara aktar stħarriġ Mater Dei, dawn ġew klassifikati bħala **"grievous"** minħabba l-imsemmija frattura. Dan iċ-ċertifikat ġie konfermat minn **Dr. Alexander Paul Grima**.[24]

**Dr. Mario Scerri** filwaqt li esebixxa r-rapport tiegħu[25] xehed: *"Ezaminajtu nhar il-11 ta' Jannar 2024 u dan allega illi nhar it-18 ta' Lulju 2021 waqt li kien fi Triq il-Port Ruman, il-Qawra wara nofsinhar gie aggredit mill-imputat u kellu jittiehed l-isptar Mater Dei. Qal li kellu xi haga f' wiccu u fil-fatt ikkonfermajt mis-CT scan illi ttiehed nhar id-19 ta' Lulju 2021 li kien hemm evidenza ta' **frattura tal-anterior bone tal-maxillary sinus tal-lemin. Dina kienet rizultat ta' blunt trauma u hija ta' natura gravi per durata."***[26]

**L-imputat James Camilleri** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda. Beda biex jispjega li hu kien jaħdem bit-*taxi* u dakinhar tal-inċident din waqfitlu l-Airport. Kien ftiehem ma tat-*tow truck* biex kif ikun hemm post vojt quddiem ir-residenza tiegħu, iċċempillu w dan iġiblu l-karozza. Kif ra li kien hemm spazju ta' parkeġġ vojt ċempillu w tat-*tow truck* qallu li kien ħdejn l-lukanda Santana fil-viċin. Kien qed iżomm il-post x'ħin daħal ieħor u pparkja f'dak il-*parking space*. Jixhed: *"U gie dahal wiehed u ghal naqra ma tajjarx lili biex jiehu l-post hu. U mort inhabbatlu mal-hgiega biex iwarrabli u qalli: 'Fuck you,' u jiena ghidtlu l-istess fhimt? U nizel ghalija, tani daqqa ta' ponn go wicci u jien waqajt mal-art u jew waqa` fuqi hu u gidimli subghaja u qatghali subghaja barra, gidimhuli"*. Camilleri kellu jiġi operat[27]. Kif setgħet tara l-Qorti Camilleri tilef il-biċċa ta' fuq ta' subgħajh. Jiċħad li taha daqqa ta' ponn fuq imnieħer il kwerelant *"Qas tani cans inkellmu kelma ohra ghax xarrabhieli go wicci mal-ewwel."*[28]

Il-verżjoni ta' Camilleri ftit tagħmel sens meta jrid jitwemmen li Simonovic taha l-ewwel daqqa ta' ponn peress li fi kliem l-imputat stess din id-daqqa wasslet

---

[19] Fol.76C.
[20] Fol.76D-76G
[21] Fol.44-45
[22] **Dok.MS1** a fol.43
[23] **Dok.GS2** a fol.47.
[24] Fol.54-57
[25] **Dok.MS** a fol.119 et seq
[26] Fol.117
[27] Fol.154-155
[28] Fol.156

meta Simonovic kien **diġà ipparkjat** fil-*parking space* u hu kien qasam biex ikellem lil tat-*tow truck*.

> *"Pros: Jigifieri ghidltu: 'Can you move the car please?'*
> *Xhud: Ghalfejn niggieled miegħu forsi ha jnehhiha l-karozza hux. M ghandix ghalfejn nehodha miegħu. Forsi ser isuqli.*
> *Qorti: U mbaghad qabzitlek meta baghtek tixxejjer.*
> *Xhud: Ma qabzitlix hu qabzitlu ghax hu tani daqqa ta' ponn.*
> *Qorti: Imma l-ewwel qallek: 'Fuck you' u inti ghidtlu: 'Fuck you' u mbaghad tak daqqa ta' ponn.*
> *Xhud: Imbaghad tani daqqa ta' ponn.*
> *Pros: U barra 'fuck you' ghidtlu xi haga ohra jekk joghgbok?*
> *Xhud: Le, le.*
> *Pros: Jigifieri qallek: 'Fuck you' u inti ghidtlu : 'Fuck you.' X' diskors ghidt minn naħa tieghek iktar wara?*
> *Xhud: Bl-Ingliz hafna ma tantx kont naf fhimt? M ghidtlu xejn izjed imbaghad. Xarrabbli d-daqqa ta' ponn, waqajt mal-art u dak kollox.*
> *Pros: U kif tahielek din id-daqqa ta' ponn? Hu kien gol-karozza.*
> *Xhud: Nizel hux.*
> *Pros: Mela wasalna sal-'fuck you.' X' gara wara li qallek: 'Fuck you?'*
> *Xhud: Jien ghidtlu l-istess. Nizel mill-karozza, jiena mxejt hdejn it-tow truck biex nara fejn ser insibu post*
> *Pros: It-tow truck kien diga wasal dak il-hin?*
> *Xhud: Mela kien diga qieghed hemm. Imxejt lejn it-tow truck biex inkellem lid-driver biex naraw x' ser naghmlu la ma riedx isuqli, gie u xarrabli daqqa ta' ponn quddiem tat-tow truck ezatt."*[29]

Ikkunsidrat,

Dan il-proċess hu senjalat minn xiehda li hi inkonsistenti w li tqajjem aktar domandi milli tagħti tweġibiet. Ix-xhieda biddlu dettalji mill-verżjonijiet li taw *a tempo vergine* ghal dawk li jagħtu meta jixhdu *viva voce.*

Madanakollu, dak li hu mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat hi biss id-daqqa ta' ponn li sofra Simonovic u għalhekk, kwalunkwe inkonsistenza oħra, tolqot il-kredibbilità tax-xhud li jlissen dawn l-inkonsistenzi.

Il-verżjoni ta' Raphael Agius, ix-xufier tat-*tow truck,* tiġi kontradetta mill-verżjoni tal-imputat innifsu. Agius *viva voce* jixhed li kien diġà wasal fuq il-post meta Camilleri ressaq il-vettura tiegħu sabiex Camilleri jipparkja vettura oħra li kien ġablu:

[29] Fol.161-162

*"Xhud: sibt lis-Sur Camilleri jzommli l-post, tlajt daqsxejn ohra l-fuq biex inpoggu l-karozza wieqfa go dan il-post li kien qed izommli u in the meantime gie dan il-barrani qas naf x' jismu jiena u pparkja fil-post li kien qed izommli s-Sur Camilleri. Is-Sur Camilleri qallu li ha nitfghu dik il-karozza hemmhekk, nizel minn gol-karozza …… Kienet karozza ohra nehhiha u ha ndahhal dik. Kif nehha l-karozza tiegħu gie dan il-barrani, tefa` l-karozza tiegħu …… Kif ha npogguha pparkja hu, s-Sur Camilleri qallu li 'jekk tistax tnehhihielna daqsxejn minn hemmhekk halli nipparkja bilwieqfa ghax qieghdha mat-tow truck', nizel, dar u tah daqqa ta' ponn lil Camilleri. Rajtu jkabru mal-art*
*Qorti: Jigifieri s-Sur Camilleri hawnhekk qalaha hu d-daqqa.*
*Xhud: Iva hu qalaha d-daqqa. Qabad ikabru got-triq u gidimlu subgħajh.*
*Pros: Bix-xhieda tieghek bil-gurament qed tghid illi dan il-barrani hareg minn gol-karozza*
*Xhud: Hareg minn gol-karozza, s-Sur Camilleri qallu: "Hu pacenzja nehhiha naqra u sib parking iehor ghax irridu npoggu l-karozza li ghandi ttowjata." Nizel u tah daqqa ta' ponn."*[30]

Madanakollu, meta ttieħdet l-ewwel verżjoni tiegħu fuq il-post Agius qal lis-Surġent Eman Cutajar li x'ħin wasal fuq il-post sab lil Camilleri waħdu bid-dmija u għalhekk qatt ma laħaqx ra l-alterkazzjoni fiżika.

Hu Camilleri stess li jixhed li meta daħal Simonovic fil-*parking space*, Agius kien għadu ħdejn il-lukanda Santana, u **kienu għaddew xi ħmistax il-minuta minn meta Simonovic ħadlu l-*parking space* u l-ħin li wasal Agius bit-*taxi "Fifteen minutes"*.**[31] Simonovic innifsu jiddikjara li hu ħalla lil Camilleri mal-art u waqaf itieh malli wasal tat-*tow truck* u b'hekk tiġi konfermata l-ewwel verżjoni ta' Agius mogħtija fuq ix-xena tar-reat li meta li hu wasal fuq il-post meta Camilleri kien ġa mimli dmija u b'hekk mhux minnu dak li jixhed li raha l-ġlieda!

Jiġi sottolinejat li **ma jagħmel l-ebda sens li Simonovic, ġaladarba baqa' ipparkjat fejn, li jkompli jillettika mal-imputat u wisq anqas imur għal warajħ u jtieh daqqa ta' ponn! Kien ġa ħa li ried, tiegħu għaddiet!**

Iktar minn hekk, tagħmel sens u għandha mis-sewwa, il-verżjoni li jaghti Simonovic li hu waqaf jaghti daqqiet lill-imputat meta wasal it-*tow truck.* Verżjoni li taqbel ma dik li jaghti Agius *a tempo vergine* u mhux dik li sussegwentement jivvinta Agius f'tentattiv biex jikkorrobora l-verżjoni tal-imputat li tpoġġi lit-*tow truck* fuq ix-xena hekk kif bdiet il-ġlieda.

L-imputat ikompli jħawwad fix-xiehda tiegħu meta, pressat mill-prosekutur dwar kif Simonovic sofra *"frattura tal-anterior bone tal-maxillary sinus tal-*

[30] Fol.100-101
[31] Fol.159

*lemin…..rizultat ta' **blunt trauma diretta fuq il-wiċċ**",*[32] jinsisti ***"Jien ma tajtx ...... Lanqas daqqa wahda";*** stranament lanqas biex jiddefendi lilu nnifsu mid-daqqiet li beda jaqla', xi ħaġa li qajla titwemmen!

Terġa tagħmel sens ix-xiehda ta' Simonovic li jispjega li l-imputat qabdu minn dahru w b'konsegwenza waqgħu mal-art. Għalkemm l-Ispettur jikkonfronta lil Camilleri li hu safa' bis-subagħ migdum meta kien qed iżomm lil Simonovic f' *headlock*, ma jissemma mkien minn Simonovic li f'xi ħin hekk ġara w għalhekk, jibqa' ma jiġix pruvat kif l-imputat spiċċa b'subagħ migdum.

Il-verżjoni li jaghti Camilleri qatt ma tasal tagħti spjegazzjoni għal ġrieħi la li sofra hu stess u wisq anqas Simonovic:

| | |
|---|---|
| *"Pros:* | *Mela ara jekk nghidlekx sewwa illi hin minnhom inti spiccajt b' idejk imdawwra ma' dan il-persuna barrani. Headlock biex niftehmu. Ma nafx jekk tafx x' inhi headlock. Ara nghidx sewwa li inti f' hin minnhom spiccajt b' idejk imdawwra ma' ras dan il-persuna.* |
| *Xhud:* | *Nahseb li gibidhieli hu biex jigdimli subghaja.* |
| *Pros:* | *Iva jew le spiccajt b' idejk imdawwrin ma' rasu.* |
| *Xhud:* | *Ma niftakarx. ...... .* |
| *Qorti:* | *Mela meta dan qallek: 'Fuck you' dan kien gol-karozza.* |
| *Xhud:* | *Nizel, gie hdejna ghax trid taqsam it-triq, gie hdejna, faqqghali daqqa ta' ponn quddiem tat-tow truck ezatt u jien waqajt mal-art, hu waqa` fuqi bid-daqqa ta' ponn ghax kien gej bis-salt hekk, waqa` fuqi u gidimli subghaja.* |
| *Qorti:* | *Waqt li kont mal-art gidimlek subghajk?* |
| *Xhud:* | ***'Waqt li kont mal-art.'*** |
| *Qorti:* | *Imma dan ma kienx lahaq l-ghan tiegħu jekk kien tefghak mal-art. Ghal xiex kellu joqghod jigdimlek subghajk? Jekk taqa` mal-art waqajt mal-art u dan qieghed fuqek kif imbaghad ser ittella, ejja nghidu l-verita. Mela dan qghad jitbaxxa u jinzel* |
| *Xhud:* | *Jekk waqa` fuqi.* |
| *Qorti:* | *Waqa` fuqek ma waqax fuq idejk.* |
| *Xhud:* | ***Nizel fuqi heqq.** Subghaja hu gidimhuli mhux jien gdimtu.* |
| *Pros:* | *Nghid sewwa li t-tnejn tajtu lil xulxin?* |
| *Qorti:* | *Ieqaf Spett. Sinjal li biex gidimhulek subghajk kien vicin halqu issa.* |
| *Xhud:* | *X' ghamel?* |
| *Qorti:* | *Biex gidimhulek bilfors kien vicin halqek subgħajh, subgħajh.* |
| *Xhud:* | *Iva jekk waqa` fuqi u jien kont miegħu wkoll.* |
| *Qorti:* | *Imma fejn waqa` fuqek, waqa` taht zaqqek* |
| *Xhud:* | ***Fuqi gie hawnhekk fuq sidri**.* |
| *Qorti:* | *Fuq sidrek allura jdejk mhux qeghdin fuq sidrek* |
| *Xhud:* | *Imma jien ippruvajt nohrog minn tahtu.* |
| *Pros:* | *Nghid sew li t-tnejn tajtu lil xulxin?* |

[32] Fol.125

*Xhud:* ***Jien ma tajtx.***
*Pros:* *Inti ma tajtx l-ebda daqqa.*
*Xhud:* ***Lanqas daqqa wahda.***
*Pros:* *'Lanqas daqqa wahda.'*
*Xhud:* *Nahliflek."*[33]

Filwaqt li fil-bidu tax-xiehda tiegħu in eżami jixhed li d-daqqa ta' ponn li suppost qala' mingħand il-vittma grat ħdejn il-karozza tal-vittma, biswit il-*parking space* li inspjegabbilment ippretenda bħala *dritt* - *"U mort inhabbatlu mal-hgiega biex iwarrabli u qalli: 'Fuck you,' u jiena ghidtlu l-istess fhimt? U nizel ghalija, tani daqqa ta' ponn go wicci u jien waqajt mal-art u jew waqa` fuqi hu u gidimli subghaja"*[34] - aktar il-quddiem ibiddel il-verżjoni u issa jsemmi li d-daqqa ta' ponn qalagħha meta qasam it-triq u mar ħdejn it-*tow truck*:

*"Qorti: Imma l-ewwel qallek: 'Fuck you' u inti ghidtlu: 'Fuck you' u mbaghad tak daqqa ta' ponn.*

*Xhud: Imbaghad tani daqqa ta' ponn.*

*Pros: U barra 'fuck you' ghidtlu xi haga ohra jekk joghgbok?*

*Xhud: Le, le.*

*Pros: Jigifieri qallek: 'Fuck you' u inti ghidtlu : 'Fuck you.' X' diskors ghidt minn naħa tieghek iktar wara?*

*Xhud: Bl-Ingliz hafna ma tantx kont naf fhimt? M ghidtlu xejn izjed imbaghad. Xarrabbli d-daqqa ta' ponn, waqajt mal-art u dak kollox.*

*Pros: U kif tahielek din id-daqqa ta' ponn? Hu kien gol-karozza.*

*Xhud: Nizel hux.*

*Pros: Mela wasalna sal-'fuck you.' X' gara wara li qallek: 'Fuck you?'*

*Xhud: Jien ghidtlu l-istess. Nizel mill-karozza, jiena mxejt hdejn it-tow truck biex nara fejn ser insibu post*

*Pros: It-tow truck kien diga wasal dak il-hin?*

*Xhud: Mela kien diga qieghed hemm. Imxejt lejn it-tow truck biex inkellem lid-driver biex naraw x' ser naghmlu la ma riedx isuqli, gie u xarrabli daqqa ta' ponn quddiem tat-tow truck ezatt."*[35]

[33] Fol.163-165
[34] Fol.154
[35] Fol.161-162

Hawn jitfakkar li *a tempo vergine* Agius stqarr li meta wasal fuq il-post Camilleri kien mimli demm! L-istess Camilleri xehed li għaddew *"Fifteen minutes"*[36] mill-ħin li Simonovic ipparkjaw sakemm wasal it-*tow truck*, magħdud mal-fatt li l-alterkazzjoni verbali u sussegwentement fiżika seħħet mal-mument li l-vittma ipparkja! Għaldaqstant altru li ma tistax tingħata affidabbiltà lill-imputat.

L-ardir ta' Camilleri timmanifesta ruħha mit-tweġibiet li jaghti lill-Ispettur:

> *"Xhud: Nehhejtha biex indahhal tieghi. Sakemm mort innehhi l-karozza dahalli hu.*
> *Pros: Jigifieri dana dahal jipparkja hemm u taf jekk setax jipparkja hemm jew le?*
> *Xhud: Seta`.*
> *Pros: Legalment seta`.*
> *Xhud: Seta` mela.*
> *Pros: Mela legalment seta`. Skuzani Sur Camilleri imma jigifieri inti ppretendejt li dak il-parking space li kien hemm quddiem id-dar tieghek kellu jibqa vojt biex tuzah terga inti naqblu?*
> *Xhud:* ***Ehe****."*[37]

Magħdud dan kollu, l-verżjoni tal-parte leża ukoll tonqos milli tagħti stampa veritjiera t' dak kollu li seħħ.

*A tempo vergine* Simonovic stqarr li hu minnu li Camilleri ħabbatlu mal-ħġieġa w talbu jċaqlaq il-vettura iżda hu rrifjuta w dan wassal sabiex Camilleri tah daqqa ta' ponn f'wiċċu.[38] Filwaqt li Simonovic fuq ix-xena jistqarr li kien taha daqqa ta' ponn lil Camilleri b'ritaljazzjoni, *viva voce* jixhed li beda jtieh ukoll daqqiet b'saqajh fuq wiċċu meta Camilleri kien diġà mal-art:

> *"..****I just kick him in the face with my leg. He was already on the ground .., but you know kick him stay on the ground I wont punch him again, i see blood on his nose, face*** *I stop at that moment. Towtruck came, and I was scare you know maybe they have friends now... I forgot me sunglasses I just pick up bag and mobile and car key and go my home just few meteres from there".*[39]

Għaliex ħass il-ħtieġa li jagħmel dan? Daqqa waħda li stenditu ma kienitx biżżejjed??

Iktar inkwetanti minn hekk, in kwantu sabiex din il-Qorti tasal taghti kredibbilità lil Simonovic, hu l-fatt li dan konvenjentement jevita milli jagħmel l-iċken aċċenn għal dak li wassal sabiex Camilleri illum għandu parti minn

---

[36] Fol.158
[37] Fol.159
[38] Fol.30
[39] Fol.36-37

subgħajh nieqsa. L-uniku fatt li donnu ddejjaq lil Simonovic kien li l-*media* xandritu li kien gidem s-sebgħa ta' Camilleri meta fil-fatt kienet biss il-parti ta' fuq![40] Anke l-fatt li dan jammetti li baqa' jagħti bis-sieq lil Camilleri meta dan kien mal-art turi n-natura antagonista w selvaġġa tal-parte leża.

M'hemmx dubbju li dan il-proċediment jippreżenta lil Qorti b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti fis-sens li l-imputat, <u>inspjegabbilment</u>, jixhed li ma taħ l-ebda daqqa lil Simonovic li madanakollu spiċċa bi frattura fil-wiċċ, u dik tal-istess Simonovic li jixhed li l-imputat tah daqqa ta' ponn. Hu minnu li Simonovic ma jagħmel ebda aċċenn ghal kif spiċċa gidem subagħ Camilleri iżda mhux kontestat li dan seħħ wara l-ewwel daqqa ta' ponn u għalhekk lil 'hinn minn dak li hu l-mertu tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-kompitu ta' Qorti rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dennis Cilia** tenniet:[41]

> Illi ghalhekk fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti. Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il Pulizija vs Graham Charles Ducker:
>
> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*
>
> Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.
>
> F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.
>
> Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

---

[40] Fol.41

[41] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 239/2016; Seduta 27 ta' April, 2017

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."
>
> Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill imputat jirrizultawx jew le.
>
> Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Abbażi tar-riżultanzi proċesswali l-Qorti issib li t-tieni imputazzjoni wkoll ġiet ampjament ippruvata.

L-addebitu tar-Reċidiva

L-Ispettur Godwin Scerri ppreżenta tlett sentenzi, lkoll tad-29 ta' Settembru, 2015 li fihom l-imputat instab ħati li kisser ir-Regolamenti dwar Servizz ta' Ġarr ta' Passiġġieri, L.S. 499.56.[42] Dawk ir-regolamenti jikkontemplaw il-piena ta' multa, liema multa jirriżulta li tħallset.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li Camilleri, kemm il-darba kellu jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni, ma setgħax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva peress li kiser Regolamenti.

L-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> 49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal **reat** b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

L-artikolu 50 ikompli:

[42] **Dok.GS** a fol.134 et seq

> Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Imbghad l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi jipprefiġġi bħala waħda mill-pieni li tista' tingħata għall-delitti dik tal-multa:

> 7.(1) Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet li tagħmel il-liġi, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għad-delitti, huma -(a) il-priġunerija;
> (b) ir-reklużjoni;
> (ċ) l-interdizzjoni;
> (d) il-multa

Għaldaqstant l-addebitu tar-reċidiva ġie pruvat iżda limitatament taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tenut kont li dawk ir-reati twettqu aktar minn ħames snin qabel id-data tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Il-Piena**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fatt li dan il-każ ipperdura inutilment sa mill-2021 fejn id-dewmien ma jistax jingħad li kien dovut interament għall-partijiet u fejn kienet okkażjoni waħda biss li l-imputat ma telgħax il-Qorti peress li nqabad barra minn Malta. Biss, biss l-akkuza ġiet prezentata f'Ottubru 2021 iżda l-akkuza nqrat f' Jannar 2023. Minn Frar 2023 sakemm il-każ ġie quddiem din il-Qorti kif preseduta, ma nstemgħu l-ebda xiehda aktar.

Ittieħed kont tal-fedina penali tal-imputat li ma toħloq l-ebda preokkupazzjoni għal qorti u fejn jidher li ntużat vjolenza mill-imputat f'din l-okkażjoni biss u għalhekk jidher li dan kien inċident *out of character*. Ma setgħax ma jkunx kunsidrat ukoll li l-azzjonijiet ta' Camilleri wasslu sabiex isofri mankament ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, tagħlima fiha nfisha. Però dan ma jfissirx li din iċ-ċirkostanza għandha teżoneraha mill-ħtija jew piena.

Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat għandu jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation sabiex jiġi assigurat li din kienet okkażjoni waħdanija fejn dan aġixxa b'tant ostilità gratwitament. Kemm il-darba l-għemil kriminuż jirrepeti ruħu, il-Qorti tittratta mal-imputat dan ir-reat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 214, 215, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation għal **sentejn (2) millum.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**